MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 662/2007

**Jean Schembri ID No : 201577(M)**

**Vs**

**Euro Beverages Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Settembru, 2007 fejn gie eccepit illi : (1) ir-rikorrent kien impjegat bhala sales-representative mall-kumpanija konvenuta, u dan mix-xahar ta' Frar tas-sena 2005 sax-xahar ta' Dicembru tas-sena 2006; (2) illi fl-imsemmi terminu ta' mpjieg kien jezisti ftehim verbali bejn is-socjeta` konvenuta u l-attur fejn kien miftiehem li dawk l-ispejjez inkorsi personalment mill-attur jigu rimborsati mill-imsemmija socjeta` konvenuta; (3) illi fl-imsemmi terminu ta' mpjieg, l-attur inkorra fi spejjez li jammontaw ghal Lm250 u dan esklussivament ghal skopijiet ta' xoghol

relatat man-negozju tal-kumpanija konvenuta; (4) illi ghalkemm formalment mitluba u nterpellata thallas dan l-ammont, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti; (5) ghaldaqstant, l-attur umilment jitlob lil dan it-Tribunal joghgbu : (i) fl-ewwel lok, jiddikjara s-socjeta` konvenut debitrici tal-attur fis-somma ta' Lm250, u (ii) fit-tieni lok, jikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas tali somma indikata lill-attur. Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi, dekorribbli mill-intavolar tal-odjerni proceduri, kontra s-socjeta` konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tas-socjeta` konvenuta tal-15 ta' Ottubru, 2007 fejn gie premess illi (1) it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li mhix debitrici tal-attur fl-ebda ammont; (2) illi ma tirrizultax min mkien l-allegat ftehim inferit mill-ex direttur Brian Borg – jekk hu biss kien jaf bih allura facilment ihallsu lura; (3) Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema l-provi kollha prodotti.

Ra l-atti kollha u sema` t-trattazjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-attur qed jitlob il-hlas ta' mitejn u hamsin Liri Maltin (Lm250) li jghid illi jirrapprezentaw spejjes minnhu nkorsi fix-xhur li hadem mas-socjeta` konvenuta u dan a bazi ta' ftehim verbali li jghid li kellu ghal dan il-ghan ma' l-istess socjeta` konvenuta.

Illi minn naha taghha s-socjeta` konvenuta tichad illi kien hemm tali ftehim verbali.

Illi allura dan it-Tribunal irid qabel xejn jistabbilixxi giex ppruvat dan il-ftehim msemmi mill-attur jew le, u jinbghad

qabel xejn illi l-oneru tal-prova ta' l-ezistenza ta' tali ftehim kien jispetta appuntu lill-istess attur.

L-attur jghid illi kien ftehim verbali. In sostenn ta' dan jesebixxi affidavit ta' Brian Borg li permezz tieghu l-istess Brian Borg, li kien direttur tas-socjeta` konvenuta fid-data tal-bidu ta' l-impjieg ta' l-attur, jghid illi kien hemm ftehim "*bil-fomm u ma' tnizzel xejn bl-iskritt*" fis-sens illi l-attur kellu jutilizza l-vettura tieghu izda mbaghad s-socjeta` konvenuta "*tirrifondih il-prezz tal-konsum tal-fuel……u Lm50 fix-xahar sabiex ikopri l-wear and tear*". Jghid illi ghal hames xhur (Mejju – Settembru 2005) hekk sar u l-attur thallas Lm250 pero` ghal hames xhur ohra (Mejju – Settembru 2006) – thallas tal-fuel izda mhux il-Lm50 fix-xahar kif kien verbalment miftiehem.

Illi l-ittra tat-terminazzjoni – Dok JS2 – invece tistipula l-paga li kellu l-attur, d-diesel allowance, l-mobile allowance u l-commission on sales, izda ma jissemma` xejn dwar l-allegat ftehim verbali fuq il-*wear and tear* tal-vettura.

L-attur (22.11.07) xehed illi huwa ghandu mutur li kien jahdem bih fis-sajf u kellu jigi kkumpensat f'forma ta' *allowances*. Jghid illi l-ftehim intlahaq fil-presenza taz-zewg diretturi – kien wiehed verbali u kellu jithallas Lm50 fix-xahar. Jghid illi thallas kif miftiehem ghas-sajf 2005 izda mhux ghas-sajf sussegwenti u fl-ahhar ta' dan l-ahhar sajf kienu nfirdu z-zewg diretturi.

In kontro-ezami jghid illi l-ewwel claim li ressaq bil-Labour Office kontra s-socjeta` konvenuta "*dawn il-mitejn u hamsin Lira jien ma kontx ikklejmjajthom*".

Jghid wkoll illi dahal jahdem mas-socjeta` konvenuta tramite Brian Borg – li kien ilu jaf ghal madwar 5 snin. Dwar il-hlas ghas-sajf 2005 jghid illi thallas b'cheque tal-kumpanija u mhux ta' Brian Borg personali.

Illi giet esebita nota b'immagini ta' tlett cekkijiet, datati 6.07.05, 4.08.05 u 10.10.05 u huma kollha ffirmati miz-zewg diretturi – izda mkien ma' jista` wiehed jiddeduci illi wiehed mitt tlett cekkijiet jirrapprezenta l-hlas ta' Lm250

ghas-sajf 2005 – u ghalhekk ma' jaghmlux prova ta' dak li stqarr l-attur illi l-hlas ghas-sajf 2005 sar lilu b'cekk tal-kumpanija.

Il-posizzjoni tas-socjeta` konvenuta giet spjegata minn Raymond Degabriele direttur taghha, li ighid illi l-attur gie mpjegat mis-socjeta` konvenuta mill-ex-partner tieghu, Brian Borg, u li ghadhom hbieb sal-llum. Jghid illi l-attur kien jahdem bil-vettura tal-kumpannija EBL-002 u l-ispejjes taghha kienu fuq il-kumpannija.

Raymond Degabriele jichad illi qatt iffirma "*xi cekkijiet ghal xi hlas ta' wear and tear u qatt ma sar diskors f'danis-sens mieghi. Jiena qatt ma kelli konoxxenza ta' xi ftehim li seta` sar biex il-kumpannija thallas dawn l-affarijiet*".
Jispjega ukoll illi d-decizjonijiet tal-kumpannija dejjem haduhom flimkien hu u Brian Borg u cahad illi xi wiehed mid-diretturi gieli ha decizjoni wahdu.

Mid-dokumenti minnu esebiti Dok RD1 – DOK RD3 jirrizulta illi s-socjeta` konvenuta hallset lill-attur l-Petrol Allowance u l-Mobile Allowance ghal perjodu Mejju – Ottubru 2006 u li l-attur dejjem iffirma l-ircevuta relattiva minghajr ma` qatt ghamel rizerva ghall-allowance ta' 'wear and tear' minnu reklamat.

Esebixxa wkoll DOK RD 3 – 'Contravention Search Results' li fihom indikazzjoni li fil-4 ta' Settembru 2006 u fl-20 ta' Ottubru 2006 l-attur kien qed jaghmel uzu mill-vettura mhux tieghu personali izda tal-kumpanija – EBL – 002.

Finalment esebixxa wkoll dikjarazzjoni ta' Chris Baldacchino – Awditur tas-socjeta` konvenuta li biha jiccertifika illi fil-kotba tal-kumpanija ghas-sena 2005 mkien ma' hemm indikazzjoni ta' hlas maghmul ghal "*motor vehicle wear and tear allowance*" lil xi impjegat.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi l-oneru tal-prova li jezisti tali ftehim verbali kien fuq l-attur.

Illi prova illi ghas-sajf 2005 l-attur thallas l-allowance kif minnhu mitlub ma’ ngibitx b’mod konvincenti – jixduha l-attur u Brian Borg pero` l-aqwa prova – ic-cekk ghal tali hlas ma ngiebx – u dan fid-dawl tal-posizzjoni tas-socjeta` konvenuta illi tghid illi tali hlas ma’ ghamlitux, liema posizzjkoni anke issanatu bid-dikjarazzjoni ta’ l-Awditur.

Illi ghas-sajf 2006 l-attur dejjem iffirma ghal kull allowance li tidher kienet stipulata u miftehma bhala dovuta lilu, izda qatt ma’ ghamel rizerva ghal dak illi allegatament kien dovut lilu izda li ma’ kienx qed jircievi.

Illi *ex admissis* jghid l-attur illi fl-ewwel struzzjonijiet li ta’ l-Labour Office sabiex jiehdu passi kontra s-socjeta` konvenuta, huwa halla barra l-claim ghal hlas mitlub illum bl-istanza odjerna.

Illi dawn in-nuqqasijiet, flimkien mal-fatt illi l-attur qatt ma’ talab illi tali allegat ftehim verbali jsir bl-iskritt – u dan kollu maghdud mal-fatt illi l-attur kien habib ta’ l-ex direttur Brian Borg u mhux eskluz mill-provi prodotti u mic-cirkostanzi kollha tal-kaz allura illi jekk sar tali ftehim, dan allura ma’ sarx mal-kumpanija konvenuta izda ma’ l-imsemmi Brian Borg, hekk kif mhux eskluz illi l-hlas ghas-sajf 2005 sar appuntu minn Brian Borg – iwassal lit-Tribunal sabiex jikkonkludi illi l-attur ma rnexxilux jipprova l-ezistenza tal-ftehim minnu msemmi fl-Avviz promotur, bejnu u bejn is-socjeta` konvenuta.

Dan ukoll fid-dawl tac-cahda kategorika tas-socjeta` konvenuta. Mill-assjem tal-provi kollha prodotti, it-Tribunal ma jhossx illi gie ppruvat l-allegat ftehim bejn l-attur u s-socjeta` konvenuta fil-grad ta’ prova rikjesta anke f’proceduri bhal dawn.

Fuq kollox kull skritt u dokument juri ftehim dwar il-petrol u l-mobile allowance izda mkien ma’ jissemma ‘l-wear and tear’ allowance – u kif dejjem sostnew il-Qrati taghna – il-principju ‘*contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur*’ jibqa` jsehh sakemm il-Qorti ma `

tkunx perswaza illi hemm zball fil-kuntratt, jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali.[1]

Fid-dawl ghalhekk tal-provi kollha prodotti u c-cirkostanzi kollha ta’ dan il-kaz, it-Tribunal mhux perswaz illi thalla barra xi patt jew li sar xi patt verbali bejn il-kontendenti li ma giex onorat minn wahda mill-partijiet.

Ghaldaqstant, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li qies il-provi kollha prodotti, it-Tribunal qed jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta li ma’ jirrizultax tali ftehim, jichad t-talba attrici, bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza li ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] PA (RCP) 2.10.2001 – Alfrida Borg et vs Carmen Camilleri et.